

Brussell, 21 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0002(COD)

12221/18
ADD 1

CODEC 1477
JAI 888
COPEN 301
DATAPROTECT 182
DAPIX 283
EUROJUST 118
FREMP 145
ENFOPOL 453
DIGIT 174
RELEX 759

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE **(I-ewwel qari)**

- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tesprimi d-dispjaċir tagħha dwar l-esklużjoni tal-missjonijiet imsemmija fl-Artikoli 42(1), 43 u 44 tat-TUE mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u tinnota li, b'riżultat ta' dan, mhux se jkun hemm regoli dwar il-protezzjoni tad-data għal missjonijiet bħal dawn. Il-Kummissjoni tinnota li deċiżjoni tal-Kunsill li tkun ibbażata fuq l-Artikolu 39 TUE tista' biss tistipula r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għall-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri meta dawn ikunu qed iwettqu attivitajiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Tali deċiżjoni tal-Kunsill ma tkunx tista' tinkludi regoli li japplikaw għal attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE. Sabiex tirrimedja l-lakuna legali, deċiżjoni possibbli tal-Kunsill għaldaqstant tkun trid tiġi akkumpanjata minn strument addizzjonali u komplementari, ibbażat fuq l-Artikolu 16 TFUE.

Il-Kummissjoni tinnota li l-paragrafu 3 tal-Artikolu 9 (dak li qabel kien l-Artikolu 70a tal-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill) ma johlqx obbligu ġdid għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-bilanċ li għandu jinstab bejn il-protezzjoni ta' data personali u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.
